MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2014

Numru. 623/2014

**SPETTUR FRANKIE SAMMUT**

**VS**

**PAUL ZAMMIT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Paul Zammit ta' 47 sena, bin Francis  Maru nee' Pace, mwieled Pieta' fis- 6 ta' Frar 1967, residenti 85, Dar il- Hena, Triq Santu Rokku, Mosta u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 67767M;;

Talli fis- 7 ta' Lulju 2014 u l- perjodu ta' qabel din id- data fl- inhawi ta' M'Scala b' diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l- istess disposizzjoni tal- ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda;

1) Ikkommetta serq ta' oggetti u cioe wires ta' dawl, kompressur, welding set u affarjiet ohra relatati max- xoghol tal- kostruzzjoni liema serq, li sar ghad- detriement ta' Leone Camilleri minn Birzebbugia, u/jew persuni ohra, huwa kkwalifikat bil- valur li jammonta ghal aktar minn €2329.37;

2) Ukoll talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamel hsara fil- propjeta', liema hsara li sare ghad- detriment ta' Leone Camilleri minn Birzebbugia u/jew persuni ohra liema hsara hija ta' aktar minn €1164.69;

3) Ukoll talli kiser il- kundizzjoni moghtija lilu mill- Qorti tal- Magistrati Malta nhar l- 4 ta' Settembru 2012 mill- Magistrat Saviour Demicoli LL.D;

4) Ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai terminu tal- Artikoli 49 u 50 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta wara li gie misjub hati minn dawn il- Qrati ta’ Malta b’ sentenzi li saru definittiv u li ma jistghux jigu mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-Prosekuzzjoni rtirat it-tielet u r-raba’ imputazzjoni, peress illi dawn ma kienux jirrisultaw;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 325(a), 261(c) u 279(b) tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti ssib lill- imputat hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet, u ghaldaqstant tikkundannah ghall-piena ta' tmintax (18)- il xahar prigunerija sospizi ghal tlitt (3) snin taht supervizjoni ai terminu tal-Artikolu 28 G tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' sebat elef (€7,000) ewro lil Leone Camilleri fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 28H tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------